MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Avviz Numru. 389/2014

**Astral Enterprises Limited (C 5024)**

**vs**

**Kevin Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar l-1 ta' Dicembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hdax-il elf, mija u hames ewro u hamsa u sebghin centezmu (€11,105.75) rapprezentanti prezz ta' merkanzija (audio/Hi Fi) u oggetti relatati mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut;

Bl-ispejjez, il-imghax mill-prezentata ta' dan l-avviz u l-konvenut minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien gie debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi datata 3 ta' Marzu 2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici, fil-Kunsill Lokali tal-Gzira kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira (fol. 13 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar it-3 ta' Marzu 2015 (fol 14) u fil-gazzetta lokali *Times of Malta* nhar l-20 ta' April 2015 (fol 16).

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' April 2015 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' April 2015 il-konvenut ma deherx sabiex jikkontesta d-domanda attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, mija u hames ewro u hamsa u sebghin centezmu (€11,105.75) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax dekorribbli mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------